



22.1.2010

## AVVIŻ LILL-MEMBRI

Suġġett: Petizzjoni 0953/2009, imressqa minn Luis Gómez Romero, ta' nazżjonalità Spanjola, f'isem l-*'Asociación de Vecinos Alcalá'*, dwar il-ħruġ tad-drenaġġ li hu skedat li jtul 18-il xahar

### 1. Sommarju tal-petizzjoni

Minħabba tilwima bejn il-gvern tal-Andalusija u l-muniċipju ta' Almeria dwar it-trattament tad-drenaġġ, l-abitanti ta' parti tal-belt ta' Almeria qed jiġu esposti għall-ħruġ tad-drenaġġ. Ir-rappreżentanti tal-gvern ta' Andalusija qed jgħidu li x-xogħol biex tiġi rimedjata s-sitwazzjoni se jtawlu 18-il xahar ieħor. Sadanittant, il-belt ta' Almeria qed tirrifjuta li tiżvija d-drenaġġ lejn l-impjant muniċipali ta' trattament. B'riżultat ta' dan, aktar minn 7,000 abitant qed jiġu esposti għall-irwejjaħ u n-nemus. Huma qed jitolbu lill-Parlament Ewropew biex jgħin joffri medjazzjoni fit-tilwima.

### 2. Ammissibilità

Iddikjarata ammissibbli fit-30 ta' Ottubru 2009. Il-Kummissjoni ġiet mistiedna biex tagħti informazzjoni (Artikolu 202(6) tar-Regoli ta' Proċedura).

### 3. Risposta tal-Kummissjoni, li waslet fit-22 ta' Jannar 2010.

Il-petizzjoni tirrapporta li l-ftehma ("convenio") bejn il-muniċipju ta' Almeria u l-Gvern Reġjonali tal-Andalusija għall-bini ta' sistema għall-ġbir tad-drenaġġ urban u impjant ta' trattament ma ġietx irrispettata. B'konsegwenza ta' dan, drenaġġ urban mill-ibliet fin-naħa ta' fuq ta' Almeria jintrema fir-Rio Andarax mingħajr ma jiġi trattat qabel, u dan jikkawża fastidju fil-viċinanzi tal-petizzjonant.

Il-petizzjonant ġie informat mill-Aġenzija tal-Ilma tal-Andalusija li x-xogħlijiet li qed isiru mhumiex se jitlestew qabel 18-il xhar ieħor u li s-soluzzjoni temporanja tista' tkun li l-

muniċipju ta' Almeria jgħaddi l-ilmijiet mill-pajpijiet tiegħu.

Id-Direttiva dwar it-Trattament tal-Ilma Urban Mormi<sup>1</sup> tistabbilixxi obbligu għall-ġbir tad-drenaġġ u għat-trattament tiegħu fiż-żoni (“agglomerazzjonijiet”) fejn jgħixu iktar minn 2000 abitant (jew l-ekwivalenti fi tniġġis minn drenaġġ, l-hekk imsejħa “popolazzjoni ekwivalenti”, e.p.). L-iskadenza għall-implimentazzjoni tad-direttiva għall-agglomerazzjonijiet ta' iktar minn 15000 e.p. kienet il-31/12/2000 filwaqt li l-iskadenza għall-agglomerazzjonijiet bejn 2000 u 15000 e.p. kienet il-31/12/2005. Għall-agglomerazzjonijiet iżgħar, hija tistabbilixxi l-obbligu li jiġi applikat trattament adegwat tad-drenaġġ urban meta jinġabar.

F'Ġunju 2009, l-awtoritajiet Spanjoli informaw lill-Kummissjoni li l-agglomerazzjoni ta' Almeria (256000 e.p.) kienet konformi mar-rekwiżiti tad-Direttiva.

Il-fatti deskritti mill-petizzjonant ma jippermettux li l-Kummissjoni tevalwa xi ksur potenzjali tad-Direttiva. Fil-fatt, l-ismijiet u d-daqsijiet tal-ibliet ikkonċernati, fin-naħa ta' fuq ta' Almeria, mhumiex disponibbli. Barra minn hekk, in-natura tal-ftehimha (“convenio”) mhijiex deskritta; b'mod partikolari, mhuwiex ċar għall-Kummissjoni għalfejn il-ksur ta' din il-ftehimha jirriżulta fi tniġġija ta' drenaġġ urban mhux trattat. In-natura u l-iskop tax-xogħlijiet deskritti li qed isiru attwalment, ir-rabta tagħhom mal-infrastruttura eżistenti tad-drenaġġ, kif ukoll ir-relazzjoni tagħhom mal-ftehimha u l-ibliet fin-naħa ta' fuq, jibqgħu inċerti.

Il-Kummissjoni ma tistax tasal għal konklużjonijiet dwar is-sitwazzjoni deskritta mill-petizzjonant sakemm ma tiġix provduta iktar ċarezza (ismijiet u daqsijiet ta' bliet fin-naħa ta' fuq ta' Almeria li skont il-petizzjonant huma s-sors tal-problema).

---

<sup>1</sup> Direttiva 91/271/KEE, ĠU L 135 tat-30.5.1991